Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR HUBERT GERADA) V. ANOAR MOHAMED ABDOLMAJEED (P. 9033633)

(GĦAJNUNA LIL PERSUNA SABIEX TINŻEL MALTA BI KSUR TAL-LIĠI DWAR ID-DĦUL – KAP. 217, ART. 32(1)(A) –TRASFERIMENT TA' PASSAPORT LIL PERSUNA OĦRA JEW RIĊEVUTA TA' PASSAPORT MINN PERSUNA OĦRA – KAP. 61, ART. 3(A),(B))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Frar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Anoar Mohamed Abdolmajeed, ta' 31 sena, iben Abdolmajeed u Farħa, mwieled Homs Sirja fl-1 ta' Settembru 1988, ta' nazzjonalità Sirjana, detentur tal-Passaport għal Stranġier Malti bin-numru 9033633, u residenti ġewwa 14, Triq il-Falkunier, il-Fgura ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Hubert Gerada
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Jason Grima,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

    1. talli fis-6 ta' Marzu 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer, għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta ... bi ksur tal-liġi dwar id-dħul (Kap. 217, Art. 32(1)(a))

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti, ċioe passaport għal stranġier Malti bin-numru 9030852 maħruġ f isem Alshikh Mohamad u Passaport Portugiż bin-numru N62809 l mahrug f'isem Grout Neves Alexander Luis, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċieva dokumenti li ġew ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap. 61, Art. 3(a))

2. Dan il-każ jikkonċerna l-allegat assistenza li l-imputat ta lil tnejn min-nies li ġie magħhom Malta fuq titjira minn Vienna (Awstrija) billi fornilhom passaport kull wieħed li jappartjenu lil persuni oħra.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

3. L-Artikolu 32(1)(a) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jipprovdi kif ġej:

'32.(1) Kull persuna li

(a) tgħin jew tassisti lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ...

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra.'

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

4. L-Artikolu 3(a) tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'3. Kull min

(a) meta għandu f'idejh passaport maħruġ lilu minn awtorità kompetenti jew le, jittrasferixxi dak il-passaport lil persuna oħra ... jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn'

**Provi miġjuba**

5. Il-Prosekuzzjoni ressqet lis-segwenti xhieda:
    1. Abdalla Muhammed (seduta tas-27 ta' Lulju 2020)[1],
    2. Sadam Muhammed (seduta tas-27 ta' Lulju 2020)[2],
    3. PC 460 Antoine Briffa (seduta tat-22 ta' Ottubru 2020)[3]
    4. PC 30 Malcolm Cachia (seduta tat-22 ta' Ottubru 2020)[4] u

6. L-imputat ma' ressaq l-ebda xhieda u għażel li ma' jgħid xejn għajr għall-kontestazzjoni ta' ħtija, kif kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi.

7. **Abdalla Muhammed** kien wieħed miż-żewġ persuni illi allegatament kienu ġew akkumpanjati mill-imputat fuq titjira tal-Air Malta (KM 515) minn Vjenna li waslet Malta fis-6 ta' Marzu 2020 u li kienu ġew mogħtija passaport mill-istess imputat. Ix-xhud xehed li huwa uża passaport Malti u li dan kien tahulu *"smuggler"* u mhux l-imputat.

8. Il-Prosekuzzjoni waqfet teżaminha lix-xhud u ddikjarat illi dak li kien qed jixhed kien differenti minn dak li ddikjara l-istess xhud fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija fis-6 ta' Marzu 2020: "*din hija verzjoni differenti milli tani fl- istatement u ma nistax inkompli nistaqsih mistoqsijiet ohra*". Din l-istqarrija ġiet esebita fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020[5]. Skond din l-istqarrija, Abdalla Muhammed iddikjara li fuq it-titjira huwa kien akkumpanjat minn Sadam Muhammed  u l-imputat, li jiġi l-kuġin tiegħu. Iddikjara ukoll illi huwa kien uża passaport li ma' kienx tiegħu u li kien għaddielu l-imputat. Huwa ma' kien ħallas xejn għalih u qal li sa' fejn kien jaf hu, dan il-passaport kien għaddihulu xi ħadd ieħor lill-imputat. Iddikjara ukoll illi l-imputat kien ħallaslu l-biljett tal-ajru sabiex jiġi Malta

9. **Sadam Muhammed** li kienet il-persuna l-oħra li allegatament kienet fuq it-titjira u li ġiet assistita mill-imputat, xehed illi filwaqt li huwa kien fuq it-titjira msemmija

[1] Fol 38
[2] Fol 40
[3] Fol 48
[4] Fol 51
[5] Fol 57

huwa kien ġie Malta b'passaport Portugiż li tahulu xi ħadd ġewwa Vjenna, l-Awstrija. Għal darb' oħra l-Prosekuzzjoni waqfet teżaminha lix-xhud tagħha stess u qalet li *"dan wehel sentenza ta' habs fuq dan l- istatement li kienu ghamlu li huwa differenti hafna mix- xhieda li qed tinghata hawnhekk."* Skond din l-istqarrija[6] ix-xhud kien iddikjara lill-Pulizija li fuq it-titjira huwa kien akkumpanjat minn Abdalla Muhammed u mill-imputat. Stqarr illi huwa kien ħallas €500 lil persuna li kienet ġabitlu l-passaport, liema passaport ma' kienx tiegħu. Mistoqsi jekk l-imputat kienx l-istess persuna li tah il-passaport u ħallaslu l-biljett tal-ajru, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv iżda qal ukoll illi l-biljett kien xtrah hu bil-flus li għaddilu l-imputat. Stqarr ukoll illi l-imputat kien għaddilu ukoll xi flus. Ix-xhud ġie muri baskett li allegatament kien ta' l-imputat u dan ikkonferma li verament il-baskett kien tal-imputat u li huwa kellu xi ħwejjeġ fih.

10. Kif intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna inkluż fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Victor Gauci** (Appell Nru: 194/2000 PV, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Jannar 2001):

    *"Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta'dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentatha b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentatha. Dik l-istqarrija tintuża biss, kif intqal, sabiex tigi kontrollata l-kredibilta' tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."*

11. Dan ifisser għalhekk illi dak li stqarrew Abdalla Muhammed u Sadam Muhammed, kif riprodott iktar 'l fuq, mhumiex u ma' jistgħu jiġu kkunsidrati mill-Qorti bħala l-verżjoni korretta tax-xhieda tagħhom (proprju għaliex dawn ma' ngħatawx taħt ġurament quddiem il-Qorti) iżda qegħdin jiġu kkunsidrati biss għall-fini tal-kontroll tal-istess xhieda u ċioe b'mod partikolari sabiex il-Qorti tiżen jekk dawn l-istess xhieda kienux kredibbli fix-xhieda li taw quddiemha.

---

[6] Fol 55

12. Minn dan l-eserċizzju pjuttost sempliċi joħroġ biċ-ċar illi dawn ix-xhieda m'huma xejn kredibbli għaliex quddiem il-Qorti xehdu b'mod differenti minn dak li kienu ddikjaraw lill-Pulizija partikolarment fuq dettalji kruċjali bħall-involviment *o meno* tal-imputat fir-rigward tal-wasla tagħhom ġewwa Malta u l-identità tal-persuna li kienet fornithom bil-passaport. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiskarta t-testimonjanza ta' dawn iż-żewġ xhieda u inoltre sejra tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lill-istess għal dak li l-Qorti tqis li huwa sperġur.

13. **<u>PC 460 Antoine Briffa</u>** xehed illi fis- 6 ta' Marzu 2020 huwa kien xogħol "*day duty*" ġewwa s-sezzjoni tal-immigrazzjoni fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Qal illi l-uffiċċju tagħhom kien irċieva informazzjoni anonima illi fuq it-titjira KM 515 li kellha tidħol minn Vjenna, kien hemm tlett Sirjani li *"kien se jkollhom passaport li ma kienx taghhom u ha jkun hemm persuna ohra ta' nazzjonalita Sirjana li ha tkun takkumpanjahom. Ahna bhala ufficcju tlajna ghamilna tracking in check fuq dan il-flight fejn vera rrizulta, bdejna niccekjaw il- passiggieri kollha fejn il- persuna, l-akkuzat li qed naghraf hawnhekk f' nofs l- Awla kien akkumpanjat minn tnejn ohra. It-tlieta li huma ta' nazzjonalita Sirjana. Tnejn minnhom kellhom passaporti genwini pero' mhumiex taghhom, imposters. U s- Sinjur kellu l- passaport tieghu."* Sussegwentement l-imputat u ż-żewġ persuni l-oħra ttieħdu l-uffiċju fejn saret tfittxija fuq il-basktijiet tagħhom. Ix-xhud spjega li "*fil- basket ta' l- imputat hawn, li qed naghrfu f' nofs l- Awla nerga' nikkonferma, nstabu zewg passaporti ohra, wiehed Portugiz u l- iehor Malti, l- istess ta' refugjat mill- grizi. Li ovvjament ma kinux tal-akkuzat.*"

Mistoqsi biex jikkonferma jekk il-baskett kienx effettivament tal-imputat jew le, ix-xhud wieġeb hekk: *"Ahna t- tlett persuni li waqqafna t- tlieta kellhom back pack. Meta nizzilnihom l- ufficcju ghamilna t- tfittxija persuna persuna ovvjament bhalma naghmlu s soltu. Ix- xhud ovvjament biex ikun qed jara l- iehor x' inhu jaghmel. Fil-prezenza tal- owner tal- basket u fl- ebda hin ahna ma qalilna isma' dan il- basket mhuwiex tieghi. It- tlett persuni li huma jigifieri. Dak nista' nikkonfermah."*

14. ***<u>PC 30 Malcolm Cachia</u>*** *xehed illi: "dak inhar tas- 6 ta' Marzu 2020 jiena kont xoghol day duty gewwa l- ajruport. Dak inhar konna rcivejna nformazzjoni li minn fuq flight KM 515 ta' Vienna kien hemm persuna li kienet qed tmexxi zewg imposturi u li kellha xi dokumenti fuqha ohrajn. Ahna peress li Vienna hija Schengen ghamilna intra Schengen check, fittixna dak l- isem u rnexxielna nsibu l- persuni li konna qed infittxu. Dak inhar malli skoprejna dawn il- persuna hadnihom l- ufficcju. Sibna li fil- verita'*

*vera kien hemm zewg persuni li kellhom id- dokument mhux taghhom u persuna ohra apparti d- dokument taghha, li kien tajjeb, kellha zewg dokumenti ohra fil- bagalja*".

In kontroeżami x-xhud ikkonferma li apparti l-passaporti li nstabu fuq iż-żewġ persuni l-oħra, kienu instabu żewġ passaporti fil-backpack tal-imputat li kien qed iġorr l-istess imputat. Spjega li fil-baskett: "*Kien hemm id- dokumenti, kien hemm hwejjeg u affarijiet ohra relatati mieghu. Imma bhala dokumenti kien hemm tnejn. Wiehed Portugiz u wiehed Malti li mhux tieghu kienu*". Ikkjarifika ukoll l-proċess ta' kif waqqfu lill-persuni konċernati: *"Il-passiggieri dahlu normali. Tajjeb? U ahna konna fil- kuritur... Dak inhar ghaddew mill- kuritur ta' wara l- ahhar wiehed u ovvjament ridna niccekkjaw lil kulhadd peress li kellna l- informazzjoni fuq dan il- persuna."*

Finalment ix-xhud spjega li kif ittieħdu ġewwa l-uffiċċju t-tlett persuni ġew infurmati bid-drittijiet legali tagħhom u dawn infatti ffirmaw il-qbid tagħhom f'dan ir-rigward qabel ma' ttieħdet l-istqarrija tagħhom.

15. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll *inter alia* l-passaporti li nstabu fil-pussess tal-imputat fil-bagalja tiegħu[7] u żewġ stqarrijiet tal-imputat[8] li ttieħdulu fl-4pm u fis-6.45pm tas-6 ta' Marzu 2020.

16. Fl-ewwel stqarrija tiegħu l-imputat qal lill-Pulizija illi huwa ilu jgħix Malta kważi erba' snin. Fuq it-titjira minn Vjenna miegħu kien hemm tlett Sirjani. Rigward il-passaporti li nstabu fil-baskett tiegħu dan stqarr illi dawn kienu intefaw hemmhekk minn xi ħadd mill-oħrajn. Ikkonferma li l-baskett huwa tiegħu u li Saddam Mohammed u Abdalla Mohamed jiġu kuġini tiegħu. Huwa stqarr illi ma' kienx jaf jekk dawn kellhomx dokumenti validi sabiex jiġu Malta iżda qal illi xi xahrejn qabel huwa kien għenhom fil-flus biex jiġu Malta u kien qed jagħmel dan kultant żmien. Qal illi persuna mill-Iraq bil-laqam ta' Abukinan kien irranġa sabiex iwassal lil Saddam u Abdalla sal-ajruport fi Vjenna qabel ma' qabdu t-titjira tagħhom lejn Malta.

17. Fit-tieni stqarrija tiegħu meħuda kważi tlett siegħat wara l-imputat stqarr illi huwa ma' kien għadda l-ebda passaport lil ħadd u li kull m'għamel kien li tahom xi ħaġa

[7] Dok HG8 fol 54
[8] Dok HG2 fol 7 u Dok HG3 fol 9

tal-flus u xejn aktar. Stqarr ukoll però illi huwa kien jaf li huma kienu ġejjin b'dokumenti li ma' kienux tagħhom iżda però ma' xtaqx jidħol fiha. Qal li huwa tahom xi ħaġa tal-flus sabiex jixtru l-biljetti tal-ajru u li xi ħadd minnhom kien irċieva ukoll xi flus mingħand ħuh.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

18. Il-Qorti tinsab xi ftit perplessa kif għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet iż-żewġ passaporti (wieħed Portugiż u l-ieħor Malti) li allegatament kienu fil-baskett tal-imputat, hija ma' esebietx imqas kopja tal-passaporti li allegatament instabu fil-pussess tax-xhieda Saddam Mohamed u Abdalla Mohamed. Mill-provi ma' jirriżultax illi ż-żewġ passaporti li nstabu fil-baskett tal-imputat (ċioe il-passaport għal stranġier Malti bin-numru 9030852 maħruġ f'isem Alshikh Mohamad u passaport Portugiż bin-numru N628091 maħruġ f'isem Grout Neves Alexander Luis) ġew ttrasferiti lil Saddam Mohamed, Abdalla Mohamed jew lil xi ħadd ieħor. Lanqas ma' jirriżulta illi xi persuna ttrasferiet il-passaporti in kwistjoni lill-imputat. Għalkemm ġie ippruvat illi l-passaporti ta' tnejn min-nies kienu fil-baskett tal-imputat, ma' ġiex ippruvat illi dawn kienu hemm wara li ġew ittrasferiti lilu minn xi persuna jew persuni oħra. Il-Qorti tista' tassumi illi filfatt ġara dan iżda fil-kamp kriminali ma' hemmx lok għal assunzjonijiet u l-imputazzjonijiet ossia allegazzjonijiet jridu jiġu kkorroborati minn provi li jmorru lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Għalhekk it-tieni imputazzjoni ma' tirriżultax li ġiet ippruvata.

19. Mhux l-istess jista' jingħad għall-ewwel imputazzjoni. Jirriżulta ben pruvat, mhux l-inqas mill-istqarrija tiegħu stess, illi l-imputat mhux biss akkumpanja lil żewġ persuni fuq it-titjira lejn Malta meta kien jaf li dawn ma' kellhomx id-dokumentazzjoni meħtieġa biex jidħlu Malta iżda inoltre għaddilhom il-flus, f'iżjed minn okkażjoni waħda, sabiex fost affarijiet oħra bihom dawn jixtru l-biljetti tal-ajru. Dan l-aġir tal-imputat jaqa' perfettament taħt l-ambitu tal-"assistenza" jew "għajnuna" li l-liġi tipprojbixxi li tingħata lil min ikun nieżel Malta bi ksur tal-liġi dwar id-dħul.

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni peress li din ma' tirriżultax, ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1)(a)) u tikkundannah għal piena karċerarja ta' sitt (6) xhur.**

**Inoltre fid-dawl tal-provi mressqa, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk jeżistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fis-Sub-Titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' L-Ewwel Ktieb tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Abdalla Muhammed u Sadam Muhammed**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur